# Il-Ħadd 09.12.2018

1. Illum 9/12, **it-Tieni Ħadd tal-Avvent**:
   - Fl-10:30am - Quddiesa bis-sagrament tal-Magħmudija.
   - Fit-3:30pm - *Life Network Foundation Malta* qed torganizza *Mixja favur il-Ħajja* fil-Belt Valletta.

2. It-Tlieta 11/12:
   - Fis-7:15pm jiltaqa' il-Kunsill Pastorali Parrokkjali fl-Uffiċċju Parrokkjali.

3. Is-Sibt 15/12: **Tibda n-Novena tal-Milied**:-
   Fis-6:00pm – Ružarju;
   Fis-6:15pm – Il-Ħsieb tan-Novena u l-Barka Sagramentali;
   Fis-6:30pm – Quddiesa bit-talb tas-Salmi tal-Liturġija tas-Siegħat.
   Tul il-jiem tan-Novena ser ikollna qfif fuq l-altar biex inġibu affarijiet li wara jingħataw bħala għajnuna lill-persuni fil-bżonn u istituti. Tajjeb li ma noqgħodux lura milli nuru ġenerożità mal-proxxmu tagħna.

   Is-Sibt 15/12:
   - L-animazzjoni tan-Novena tkun mis-Sorijiet Dumnikani u l-Kunsill Parrokkjali.
   - Fid-9:00pm tibda quddiesa u laqgħa ta' talb għall-qdusija tal-kleru li tispiċċa fil-11:00pm. Ser issir fil-Knisja Parrokkjali ta' Burmarrad.

4. Il-Ħadd 16/12, **it-Tielet Ħadd tal-Avvent**:
   - Filgħaxija – L-animazzjoni tan-Novena tkun mill-Kappillan.

5. Il-Ħamis 20/12:
   - Filgħodu ser ikollna Ħarġa: inżuru l-knisja tal-patrijiet Agostinjani ddedikata lill-Madonna tal-Parir it-Tajjeb, f'Paceville, fejn ikollna Quddiesa, u wara *buffet lunch* f'lukanda hemm stess. Tluq fid-8:45am u inkunu lura għas-1:45pm. Biljetti u dettalji mingħand il-helpers.

6. Avviżi oħra:
   - L-Erbgħa 12/12 – Il-Kap u l-istaff kollu tal-Iskola Primarja ta' Ħal Safi qed jistiednu lill-Ħalsafin, b'mod speċjali l-anzjani tar-raħal tagħna, biex imorru l-Iskola u jaraw ir-reċta tal-Milied li hejjew it-tfal għal din is-sena. Din tibda fl-10:00am u tkun fis-Sala tal-Iskola.

7. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 240 bħala ġabra speċjali b'risq il-manutensjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr.
   - € 5 bħala donazzjonijiet bl-istenn għan.
   Grazzi mill-qalb.